# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 3 – IT-TNEJN 15 TA' APRIL 2013
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Antoine Vella | Viċi Sindku |

Kien hemm jattendi l-*accountant* tal-Kunsill.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS*

1.1 Is-SE infurmat li din il-laqgħat ssejħet sabiex jiġu approvati l-financial statements wara li jkunu ġew ivverifikati u ġew proposti xi aġġustamenti mill-awdituri. Għaldaqstant hija talbet lill-*accountant* sabiex jagħti spjegazzjoni.

1.2 Minħabba li kien hemm żewġ membri ġodda, kien hemm qbil li l-*accountant* għandu jagħti wkoll spjegazzjonijiet dwar dħulijiet u nfiq li saru matul is-sena preċedenti sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom.

1.3 Fost oħrajn, l-*accountant* spjega li wieħed mill-aġġustamenti kien dwar spiża li l-Kunsill għamel fir-rigward tas-servizz tal-perizja fejn kien qed jiġi propost li l-ammont jiġi kkapitalizzat.

1.4 Aġġustament ieħor kien jirrigwardja spejjeż relatati ma' proġetti varji, prinċiparjament ħlasijiet maħruġa fuq Charles Sant fir-rigward tal-*playing field* u Robert Musumeci fir-rigward tal-perizja u li minħabba li saru fis-sena 2013, ma kienux ġew inklużi mas-sena 2012. Fir-rigward ta' Charles Sant, il-Kunsill kien għadu rċieva biss l-ewwel nofs tal-€35000 u għaldaqstant kellu jirċievi t-tieni nofs tal-ammont, għalkemm il-ħlas sar.

1.5 Kien hemm ukoll aġġustamenti għal kontijiet li saru wara l-31 ta' Diċembru 2012 u li ma kinux ġew inklużi, u li l-maġġorparti tagħhom kienu jirrelataw ma' servizzi li ngħataw fix-xahar ta' Diċembru.

1.6 Kien hemm aġġustament ukoll dwar dħulijiet minn grants tal-Gvern, GreenMT u LES fost oħrajn li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex u li għaldaqstant kellhom jiġu *accounted for*.

1.7 Is-Sur Caruana fakkar ukoll li l-Kunsill kien spiċċa b'indikatur finanzjarju ta' 17% u li dan kien sinjal pożittiv ħafna għall-Kunsill il-ġdid.

1.8 Il-*financial statements* kif aġġustati ġew approvati nem con u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.9 Is-Sindku u s-SE ffirmaw ukoll il-*letter of representation* hekk kif preżentata mill-awdituri.

1.20 Qabel telaq l-accountant, is-SE fakkritu li għal-laqgħa li jmiss huwa kellu jippreżenta l-*quarterly report* għax-xhur ta' Jannar – Marzu 2013.

**2. GĦOTI TA' MERTU/ĠIEĦ L-IMTARFA**

2.1 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva 14-il nomina kif ġej:

John Micallef (9)

Antoine Pisani (1)

Carmen Zahra (1)

Anatole Scerri Diacono (3)

2.2 Is-Sindku informa li huwa u l-Kunsillier Fenech kienu ltaqgħu kif maqbul waqt il-laqgħa tal-Kunsill preċedenti fejn kien hemm qbil komun li s-Sur John Micallef għandu jingħata Ġieħ l-Imtarfa filwaqt li s-Sur Antoine Pisani kellu jingħata Mertu l-Imtarfa.

2.3 Fir-rigward tal-eks kunsillier Scerri Diacono, is-Sindku esprima l-opinjoni tiegħu li għalkemm japprezza x-xogħol li wettaq matul is-snin li serva, ir-raġuni li ngħatat kienet parti mill-kariga diretta li kellu u għaldaqstant ma jħossx li jkun ġust li jikkwalifika għal unur. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud qal li s-Sur Scerri Diacono kien ħa ħsieb biex il-Kunsill ikollu l-ewwel Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Is-Sindku qal li għalkemm mhux qed ineħħi minn dan il-mertu, huwa kien persważ li kull Kunsillier li serva fuq xi Kunsill kien ħadem qatigħ u ħareġ b'ideat innovattivi għall-ġid tal-lokalità.

2.4 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jagħti Ġieħ l-Imtarfa lis-Sur Micallef u Mertu l-Imtarfa lis-Sur Pisani.

2.5 Il-laqgħa spiċċat fit-8:10pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |